



Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 12 ta' Ottubru 2020

CM 3998/20

JAI
SCH-EVAL
VISA
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	schengen.evaluation@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32.2-281.23.85
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal-Ġermanja fir-rigward tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi - Adozzjoni - Bidu tal-proċedura bil-miktub

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) ħa fis-7 ta' Ottubru 2020 li tintuża l-proċedura bil-miktub, jekk jogħġbokkom iddikjaraw jekk taqblux mal-adozzjoni* tal-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq kif jinsab fid-dokument 11300/20.

Jekk jogħġbokkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

It-tweġibiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **sal-17:00** CET (ħin ta' Brussell) ta' nhar **it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2020** u għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil schengen.evaluation@consilium.europa.eu.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper.

* Peress li din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tikkonċerna dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li ma jipparteċipawx fihom id-Danimarka u l-Irlanda, id-Danimarka u l-Irlanda ma jipparteċipawx fil-votazzjoni.